MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 111/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Paul Cilia abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Paul Cilia (652550 (M))**

**vs**

**Jeffrey Bonello u Lorraine Marie Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' elf u mija u wiehed u hamsin lira Maltija u tmienja u ghoxrin**

**centezmu (Lm1151.28) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Paul Cilia assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' elf u mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1126.28) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Paul Cilia in linea ta'** ***excess payment*****, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Jannar 2004 ghall-habta tad-9.00pm gewwa Triq Ponsonby, Gzira, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Paul Cilia, bin-numru ta' registrazzjoni FBM-552 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Jeffrey Bonello bin-numru ta' registrazzjoni JEF-416, u l-vettura misjuqa mill-konvenuta Lorraine Marie Camilleri bin-numru ta' registrazzjoni LOR-006, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju, 2004 u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjetajiet assikuratrici MiddleSea Insurance plc, u GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju, 2004, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Lorraine Marie Camilleri prezentata fis-7 ta' Frar, 2005, fejn intqal illi t-talba attrici hija intempestiva u ghalhekk ghandha tigi respinta bl-ispejjez u dana billi ferm qabel ma gietipprezentata t-talba, l-assikurazzjoni tal-esponenti kienet gja ftehmet mas-socjeta` attrici assikuratrici illi kienu sejrin jithallsu d-danni subiti minnhom u mill-assikurat taghhom, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Max Borg Bonello. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta` attrici istitwiet din il-kawza ghad-danni rizultanti minn incident awtomobilistiku kif imsemmi fl-avviz.**

**2. Il-konvenuta Lorraine Camilleri tghid li l-assikurazzjoni taghha kienet gja ftehmet mas-socjeta` attrici assikuratrici illi kienu sejrin jithallsu d-danni subiti minnhom u mill-assikurat taghhom, u f'dan is-sens eccepiet l-intempestivita` tal-azzjoni.**

**3. Max Borg Bonello, Claims Negotiator mas-socjeta` GasanMamo, spjega li fid-19 ta' Jannar, 2004, kienet intbaghatet risposta lis-socjeta` attrici fejn intqal hekk: "Please send us a copy of survey report of your client's vehicle. We shall accept liability." (Dok.MBB1).**

**4. Skond l-istess xhud f'Ottubru, 2004 rega' ntbaghtet e-mail mis-socjeta` attrici biex jigi accettat it-tort. Skond ix-xhud huma wiegbu li kienu qed jaccettaw it-tort. Max Borg Bonello jispjega li l-karozza tas-socjeta` attrici kellha daqqa fuq quddiem u daqqa fuq wara, u s-socjeta` attrici baghtet biss is-survey report dwar id-daqqa ta' wara. GasanMamo gharrfu lis-socjeta` attrici b'dan, pero` ma rcevew ebda risposta.**

**5. Is-socjeta` attrici qed tghid li ghalkemm is-socjeta` attrici ta' Lorraine Camilleri kienet accettat it-tort, sal-lum kienet ghadha ma hallsitx.**

**6. Jirrizulta pruvat li saru diversi tentattivi biex din il-kwistjoni tinghalaq. Jidher li z-zewg partijiet ghal xi raguni baqghu ma kkonkludewx, fis-sens li jinghadda c-cekk finali.**

**7. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqies li kien hemm ammissjoni tar-responsabilita` da parti tal-assikurazzjoni ta' Lorraine Camilleri. Huwa minnu li l-fatt li l-pagament baqa' ma giex effettwat ma halla ebda alternattiva ghas-socjeta` attrici hlief li tipprocedi quddiem dan it-Tribunal, pero` wiehed ma jistghax jinjora l-isforzi kollha li saru da parti tas-socjeta` assikurattrici tal-konvenuta biex il-kwistjoni tinghalaq. Jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet ilha zmien, sa mid-29 ta' Jannar, 2004, li avzat lis-socjeta` GasanMamo biex taccetta ir-responsabilita`, haga li**

**fil-fatt giet accettata, minghajr ma sar il-pagament, ghalkemm dan kien lest biex jinghadda.**
**8. Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal huwa tal-fehma li l-affarijiet jidhru li kienu ser jigu rizolti, u li ma kienx hemm tant dik in-necessita` li jinbdew l-odjerni proceduri.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li ma tirrizultax pruvata ebda htija fil-konfront tal-konvenut Jeffrey Bonello, qed jilqa' t-talba attrici biss fil-konfront tal-konvenuta Lorraine Marie Camilleri, jiddikjara lill-konvenuta Lorraine Marie Camilleri unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' elf u mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1126.28), u lill-attur Paul Cilia s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta' Lulju, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuta Lorraine Marie Camilleri u s-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------